**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 23 ta' Frar 2024**

**Rikors numru: 107/2022 BS**

**Pawlu Tabone u John Tabone; u li b'digriet tad-29 ta' Jannar 1999 l-istess John Tabone assuma l-atti sabiex jidher għall-imsefrin Anthony, Rose mart Peter Said, Joseph, Mary armla ta' Pat Riddle, Carmelo u Coronato aħwa Tabone**

**-vs-**

**Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex; u għal kull interess li jista' jkollhom Mary mart Anthony Mifsud f'isimha propju; u b'digriet tad-29 ta' Jannar 1999 assumiet l-atti sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Toni Tabone, Francesco Tabone u Rose mart Branco Magusic; Josephine xebba Mifsud; Antonia xebba Mifsud f'isimha propju; u b'digriet tad-29 ta' Jannar 1999 assumiet l-atti sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Victoria mart Raymond Grima u Rosa mart Peter Muscat; Peter Paul Mifsud; l-Avukat Dottor Alfred Grech li b'digriet tad-29 ta' Jannar 1999 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsifrin Doris mart Anthony Camilleri, Lucy Tabone, Diana mart Harry Myysylainberi u Toni Tabone; Martin Muscat f'ismu propju u bħala mandatarju tal-imsefrin Michelina armla ta' Salvu Attard, Peter u Joseph aħwa Muscat; Av. Renata**

**Farrugia li b'digriet tal-24 ta' Jannar 2018 ġiet nominata kuratur ad litem sabiex tirrappreżenta l-interess tal-eredità ta' Peter Muscat, Crocifissa mart Joseph Muscat; Rose mart Anthony Said; Anthony Muscat; Anġlu Tabone**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti rappreżentati minn John Tabone illi ppremetta:**

*"Illi fis-7 ta' Lulju 2021, saret it-Taxxa ufficjali relattiva ghal din il-kawza li fiha d-dritt ta' l-Avukati gie kollha ffissat fl-istess ammont u bl-istess rata, u cioe' fl-ammont ta' Eur11157.32 – kopja sentenza u taxxa annessa.*

*Illi fil-fehma ta' l-esponenti, din inhadmet b'mod zbaljat u ghalhekk huma jixtiequ jimpunjaw din it-taxxa fit-termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12, u dan għaliex din it-taxxa ma gietx mahduma skond il-ligi.*

*Illi din kienet kawza ta' divizjoni li fiha l-proprjeta' in divizjoni li kellha l-ikbar valur giet diviza fizikament per assenjazzjoni, filwaqt li proprjetajiet ohra in divizjoni gew ordnati li jinbieghu b'licitazzjoni.*

*Fil-fatt l-artikoli 16 u 17 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12 jipprovdu kig gej:*

> *16.F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà, indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss ad valorem bħala fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma – iżda f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà causa mortis dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet...*
>
> *17.F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà meta d-diviżjoni tal-proprjetà kollha involuta ma tkunx tista' ssir ħlief permezz ta' liċitazzjoni, kemm-il darba dik it-talba ssir fir-rikors u tiġi konfermata fis-sentenza finali, id-drittijiet dovuti lil kull Avukat fil-kawża għandhom ikunu intaxxati bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq il-valur tal-proprjetà f'liċitazzjoni...*

*Ili dawn id-disposizzjoni gew interpretati fis-sens li: (i) filwaqt li a tenur ta' l-artikolu 17, fejn si stratta minn kawza li fiha l-proprjetajiet kollha in divizjoni jigu ordnati li jinbieghu bil-licitazzjoni, id-dritt ta' l-Avukati nvoluti ghandu jigi ntaxxat kollu l-istess, irrispettivament mill-valuri nvoluti; (ii) min-naha l-ohra f'kaz fejn ikun hemm divizjoni in natura per assenjazzjoni jew tahlita ta' divizjoni in natura u licitazzjoni, allura d-drittijiet ta' l-Avukati ghandhom jigu kkalkulati abbazi tal-valuri spettanti lill-patrocinati li huma jirraprezentaw.*

*Illi din il-kawza appuntu si tratta minn kaz fejn is-sentenza nghatat billi l-proprjeta' l-iktar sostanzjali giet ordnata li tinqasam in natura, per assenjazzjoni, filwaqt li mbaghad kien hemm xi bicciet tar-raba' agrikoli li gew ordnati li jinbieghu bil-licitazzjoni.*

*Illi pero' f'dan il-kaz id-drittijiet gew intaxxati lill-Avukat fl-istess cifra ezatt ta' Eur11157.32, meta kuntrarjament ghal dan, dawn kellhom jigu kkalkati abbazi tal-valuri tal-proprjeta' tal-kljenti rapprezentati minnhom.*

*B'kalkolu korrett, id-drittijiet ta' l-Avukata sottoskritta kellu jigu ntaxxati fuq l-ishma segwenti:*
*Sehem ulied Joseph Tabone – 1/6th;*
*Uhud minn ulied Margerita Tabone: Pawlu, John, Anthony, Rose Said, Joseph, Mary Riddle, Carmelo sive Charlie u Coronato ahwa Tabone – 8/9th ta' 1/6th."*

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

*"Tordna lir-Reġistratur tagħha jintaxxa mill-ġdid id-drittijiet dovuti lill-Avukata sottoskritta fil-kawza, jew jekk jidhrilha xieraq ta' l-Avukati nvoluti fil-kawza, u dana billi dawn jigu ntaxxati fuq il-valur tal-proprjeta' tal-kljenti rapprezentati minnhom a tenur ta' l-Artikolu 16 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura akkariku ta' l-atturi intimati f'din il-proċedura."*

**Rat ir-risposta tal-intimati Maria mart Anthony Mifsud kemm f'isimha propju kif ukoll għan-nom ta' Toni Tabone, Francesco Tabone u Rose mart Branco Magusic, u ta' Martin Muscat kemm f'ismu propju u bħala mandatarju tal-imsefrin Michaelina armla Attard, Peter Muscat, Joseph**

**Muscat, u ta' Crocefissa Muscat, Rose Said u Anthony Muscat illi eċċepew:**

*"Illi t-talba attrici hija perenta fit-termini ta' l-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 stante illi din hi talba ghal revizjoni ta' taxxa istitwita minn persuna li favur taghha harget it-taxxa fejn qed jintalab illi d-dritt ta' l-avukat tar-rikorrenti jizdied.*

*Illi mil-bqija t-taxxa kif mahruga mir-registratur tidher wahda gusta u fit-termini tal-ligi u ma jidirhx li hemm ragunijiet ghal fejn din ghandha tigi varjata.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri wara li r-registratur jaghti kwalunkwe spjega necessarja ghat-taxxa minnu kompilita."*

**Rat ir-risposta tal-intimati Antonia xebba Mifsud f'isimha propju u b'digriet tad-29 ta' Jannar 1999 assumiet l-atti sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Victoria mart Raymond Grima u Rosa mart Peter Muscat illi eċċepew:**

1. *"Illi r-rikorrenti qed jittentaw biex ivarjaw it-taxxa mahruga fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021);*
2. *Illi t'ostaklu ghat-talba tar-rikorrenti huwa l-artiklu 64(1) tal-Kap 12 stante illi talba ghal-tibdil jew revizjoni ta' taxxa minn parti hija perenta bit-terminu ta' xhar mil-hrug tal-istess taxxa.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mil-wicc tad-dokumenti jidher li t-taxxa inhadmet regolarment u l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-istanti aktar u aktar fid-dawl li l-esponenti diga hallset dak kollu dovut minnha, liema hlas gie accettat ghas-saldu mil-partijiet kkoncernati.*

*Daqstant ghandha x'tecepixxi l-intimata bir-rispett ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti Onorabbli.*

*Salv Eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

**Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Alfred Grech li b'digriet tad-29 ta' Jannar 1999 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Doris mart Anthony Camilleri, Lucy Tabone, Diana mart Harry Myysylainberi u Toni Tabone illi eċċepew:**

1. *"Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina il-procedura.*

2. *Ghaldaqstant jirrimetti ruhhu ghal gudizzju ta' dina l-Qorti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

**Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Andrew Sciortino li b'digriet tat-tlettax (13) ta' April tal-elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-eredità ta' Peter Muscat u Crocesfissa mart Joseph Muscat illi eċċepixxa:**

1. *"Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-proċeudra.*

2. *Għaldaqstant jirrimetti ruħu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

**Rat** li r-rikors promotur.

Rat ir-risposti ta' l-intimati kollha ghajr ir-Registratur tal-Qrati u Tribunal t'Ghawdex.

**Rat** it-taxxa tad-drittijiet u spejjez li ggib id-data tas-7 ta Lulju, 2021.[1]

**Rat** is-sentenza tal-Qorti tal-15 ta Jannar, 2021.[2]

**Rat** l-ittra ufficjali li kienet ipprezentata fit-2 ta Settembru, 2022.[3]

**Rat** li fis-seduta tat-23 ta Novembru, 2023 il-partijiet ittrattaw oralment u l-kawza giet differita ghas-sentenza tal-lum.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikors odjern gie pprezentat ai termini ta dak ipprovdut fl-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jghid hekk –

[1] A fol 7 sa fol 12 tal-process
[2] A fol 13 sa fol 40 tal-process
[3] A fol 70 tal-process

*"64.(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

*(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.*

*(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors "*

Il-Qorti tibda biex tosserrva li mill-atti jirrizulta li r-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta Ghawdex ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet rikorrenti. [4]Ai termini ta l-Artikolu pre citat din l-intimata kellha ghoxrin jum minn notifika tar-rikors u cioe mid-29 ta Settembru, 2022 biex tipprezenta r-risposta taghha. [5] Dan ghalhekk ifisser li l-intimata hija kontumaci.

Rigward il-kontumacja l-Qorti tqis li din m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa ta l-intimata għal dak li qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontriha mir-rikorrenti[6]. Anzi, fid-dritt Malti l-kontumaċja xorta waħda tirrappreżenta kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti,[7] u allura dan ifisser li dawn ma humiex mehlusa mill-oneru li jissodisfaw ir-rekwiżit tal-liġi li jressqu provi sal-grad almenu ta' probabbiltà kif ukoll li jgibu l-aħjar prova in sostenn ta dak li qed jallegaw fil-premessi u fit-talbiet taghhom.[8]

[4] A fol 5a tal-process
[5] Dan jirrizulta mid-digriet tat-28 ta Settembru, 2022 li jinsab a fol 42 tal-process
[6] George Busuttil et vs Anthony Vassallo et, Appell, deciza fis-6 ta Ottubru, 2020
[7] Nathalie Bartolo vs id-Dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlandov et, Appell, deciz fil-31 ta Mejju, 2023
[8] FIMBank p.l.c v Almenco Limited, Appell, deciz fis-27 ta Ottubru, 2017

Pero ghalkemm il-kontumacja tal-intimata ma tehlisx lir-rikorrenti milli jressqu l-provi taghhom kif gia inghad, daqstant ieħor l-iskiet taghha llum ma jehlisx lill-Qorti mid-dmir li tgħarbel u tizen il-provi kollha migjuba mir-rikorrenti bil-ghan wahdieni li twettaq haqq mall-partijiet.[9] Dan ifisser li din il-Qorti trid tezamina it-talbiet rikorrenti u tindaga jekk dak mitlub minnhom hux gistifikat fil-ligi.[10] Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li biex it-talbiet tar-rikorrenti jirnexxu, huma jridu mhux biss jgħelbu l-eċċezzjonijiet tal-intimati, iżda jridu wkoll juru li għandhom il-jedd li jressqu l-azzjoni magħżula minnhom, għaliex altrimenti, anke jekk kif ghandna fil-kaz in ezami, l-Registratur intimata baqghet siekta, il-Qorti jkollha xorta wahda tiċħad it-talbiet taghhom.[11]

Imiss ghalhekk li issa li din il-Qorti tghaddi biex tqis l-eccezzjoni sollevata mill-intimati kollha ghajr ghar-Registratur tal-Qrati u Tribunali t-Ghawdex, li t-talba rikorrenti hija perenta u dan ai termini ta l-Artikolu 64(1) tal-Kap 12 Ligijiet ta Malta.

Fl-ewwel lok, minn qari ta l-Artikolu precitat johrog car li f'Ghawdex il-kompetenza biex jigu ntaxxati d-drittijiet u l-ispejjeż tal-partijiet f'kawża u li tinhareg it-taxxa relattiva hija fdata kollha kemm hi f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta Ghawdex.

Fl-istess Artikolu t-terminu stabbilit għal talba għal ritassa huwa ta' xahar li jiddekorri jew:

a. minn dakinhar li tinħareġ it-taxxa fil-konfront tal-persuna li tkun talbet it-taxxa, inkella

b. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att ġudizzjarju fil-konfront tad-debitur li jkun qed jintalab iħallas.

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti jaqaghu taħt it-tieni kategorija billi jirrizulta mill-atti li dawn gew mitluba mill-intimati ossia il-mittenti fl-ittra

[9] Joseph Vella vs Pierre Cremona, Appell, deciz fl-10 ta Ottubru, 2003
[10] David Hillman vs G.R.A.P Limited, Appell, deciz fit-3 ta Frar, 2009
[11] Kevin Attard vs Philip Cardona et, Appell, deciz fil-5 ta Ottubru, 2023

ufficjali gia msemmija jhallsu id-drittijiet u t-taxxa skond id-dokument mahrug mir-Registratur intimata.

Huwa fatt illi l-parti nteressata ghandha kull dritt li timpunja dik it-taxxa pero dan trid taghmlu fi żmien utli. Kemm il-darba dak iż-żmien jghaddi mingħajr ma jittieħdu l-proċeduri imsemmija fl-artikolu ċitat, dik it-taxxa ma tkunx tista' tiġi aktar kontestata u ssir titolu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inghad illi *"F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Ċitazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "Joseph Bonello et vs Ir-Registratur tal-Qorti et" saret referenza għall-kawża fl-ismijiet "Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et" deċiża fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:- "... Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss." Hu f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Hu għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa tkun tista' tigi attakkata. Kif jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħra, hu meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak."*[12]

Tenut kont ta din il-gurisprudenza l-Qorti tinnota li l-intimati pprezentaw ittra ufficjali kontra r-rikorrenti fit-2 ta settembru, 2022.[13] Ir-rikors tal-llum gie pprezentat mir-rikorrenti ossia l-intimati fl-ittra ufficjali fis-16 ta Settembru, 2022. Ghalkemm hadd mill-partijiet ma gab prova ta meta saret in-notifika ta l-ittra ufficjali lir-rikorrenti ossia l-

[12] Avukat Dr Tonio Azzopardi vs Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et , Prim Awla deċiż fis-17 ta' Mejju 2018
[13] A fol 69 tal-process

intimati fl-ittra ufficjali, madankollu l-Qorti tqis li gia la darba ir-rikors odjern gie pprezentat fis-16 ta Settembru, 2022 dan minghajr dubju jfisser li l-ittra ufficjali skattat ir-rejazzjoni tar-rikorrenti odjerni billi dawn ipprezentaw ir-rikors li ghandha quddiemha llum din il-Qorti. Mid-dati msemmija johrog car ukoll li r-rikors odjern sar entro t-terminu ta xahar kif ipprovdut fl-Artikolu sopra citat. Tqis ghalhekk illi l-eccezzjoni sollevata mill-intimati u cioe li l-azzjoni hija perenta ghandha tigi michuda.

Imiss issa li din il-Qorti tqis it-talba tar-rikorrenti fil-mertu.

Jibda biex jinghad li l-liġi tistabilixxi x'inhuma l-kriterji li r-Reġistratur għandu jimxi fuqhom meta jiġi biex jintaxxa l-ispejjeż ta' kawża. Dawn il-kriterji huma mfissra fit-Tariffa A (Par. 4) u fit-Tariffa E (Par. 13 sa 15) li jagħmlu parti mill-Iskeda "A" tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Minbarra dan, il-valur ta' kawża huwa determinabbli wkoll minn regoli li l-istess Kodiċi jħaddan dwar l-għamla tat-talba li tkun.

Barra minn hekk "*Ġie stabbilit minn ġurisprudenza kostanti illi "t-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" (Avv. Dr. Giuseppe Pace et v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru, 1948). Hekk ukoll, ġie ritenut illi "meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jigi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem ..." (Carmelo Axiak v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni App. Ċiv. 403/16/1 19 fl-ismijiet Leslie Grech nomine v. Frank Abela et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u Loris Bianchi et v. Dottor Victor Borg Costanzi nomine, Appell Ċivili, 17 ta' April, 1978.*"[14]

[14] Salvatore Vella et vs Ir-Registratur (Qrati Civili u Tribunali), Appelll deciz fid-9 ta Dicembru, 2021

Huwa pacifiku ghalhekk, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija msejjsa fuq il-prinċipju li wieħed irid iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba li hija l-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Madankollu dan il-prinċipju ma hux wiehed rigidu għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet ukoll minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" jew il- *quod disputantum es*t minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet. Dan allura jfisser li l-Qorti trid tara x'kienu it-talbiet imressqa mil-atturi, x'kienu l-eccezzjonijiet u x'gie deciz fil-kawza sabiex tqis jekk l-arugumenti mqajjma mir-rikorrenti ghandhomx mis-sewwa jew le.

Barra minn hekk ta min isemmi li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi jew fejn il-Qorti waslet għall-fehma li t-taxxa tal-ispejjeż kellha tinħadem *ad valorem* fuq prospett li ressaq l-attur waqt is-smigħ tal-kawża. Dan ghalhekk ifisser li l-valoriżżazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti.

Issa, fil-kawza li kien hemm bejn il-partijiet u li dwarha inghatat sentenza fil-15 ta Jannar, 2021, l-atturi talbu il-likwidazzjoni tal-kommunjoni ta l-akkwisti ta' Anthony u Rose Tabone, kif ukoll il-likwidazzjoni ta l-assi parafernali ta dawn it-tnejn. Talbu wkoll li dawn l-assi kollha jinqasmu bejn is-sitt uliedhom, b'dan illi jekk jirrizulta li uhud mill-assi likwidati ma humiex komodament divizzibbli dawn kellhom jinbieghu b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta oblaturi estranei, biex ir-rikavat jinqasam bejn is-sitt ulied.

Uhud mill-konvenuti ressqu l-eccezzjoni li huma ma kienux qed jopponu it-talbiet ta l-atturi. Da parti ta Mary Mifsud din eccepiet illi l-assi li l-atturi jghidu li huma in divizzjoni ma humiex ghax uhud li llum huma taghha. Tinsisti pero li jekk hemm assi li jirrizulta li ghad huma ta Anthony u Rose Tabone, fuq dawk l-assi hija ma toggezzjonax ghad-

divizzjoni taghhom sakemm jkun hemm verifika dwar l-ismha ta kull wiehed mill-partijiet fil-kawza.

Hawnhekk il-Qorti tqis li l-kawza li kienet giet proposta mill-atturi hija wahda ghal divizzjoni tal-massa ereditarja ta Anthony u Rose Tabone u biex il-Qorti setghet tasal ghad-decizzjoni taghha tal-15 ta Jannar, 2021, hija bilfors riedet l-ewwel taghmel l-ezercizzju ta identifikazzjoni tal-massa[15] u mbaghad tghaddi ghad-divizzjoni[16]. Mill-atti jirrizulta wkoll li l-Qorti anke harget valutazzjoni tal-propjetajiet kollha minnha identifikati. Fl-ahhar il-Qorti waslet biex tilqa is-sitt u s-sebgha talbiet ta l-atturi u assenjat l-assi li kienu komodament divizibbli skond il-pjan ta divizzjoni u ordnat il-bejgh b'licitazzjoni ta dawk l-assi li ma kienux komodament divizibbli.

Tenut ferm dan kollu l-Qorti fliet l-Artikoli 16 u 17 tat-Tariffa E ta Skeda A tal-Kap 12 Ligijiet ta Malta u mill-ewwel tiddikjara li l-Artikolu 17 ma japplikax ghal kaz odjern billi dan l-Artikolu japplika biss meta d-diviżjoni tal-proprjetà kollha involuta ma tkunx tista'ssir ħlief permezz ta' liċitazzjoni. Dan qed tghidu billi fil-kaz tal-lum is-sentenza tal-15 ta Jannar, 2021 hija cara fis-sens li l-Qorti qassmet il-propjeta li setghet tigi diviza lill-partijiet u li dik il-propjeta li ma setghetx tigi diviza ordnat il-bejgh taghha bil-licitazjoni. Ghalhekk fid-dawl ta dan l-artikolu applikabbli huwa dak 16 u dana billi *".....f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà causa mortis dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet,"*.

Il-Qorti fliet it-taxxa mahruga mir-Registratur intimata u tinnota li d-dritt ta kull avukat huwa fl-istess ammont identiku. Tqis madankollu li gia la darba fil-kawza l-ismha tal-partijiet ma kienux kollha l-istess, allura kull dritt intaxxat kellu jkun skond is-sehem tal-klijent patrocinat minnhom.

Fid-dawl ta dawn il-kunsiderazzjonijiet l-Qorti tqis it-talba tar-rikorrenti bhala wahda gustifikata u ghalhekk ser tghaddi biex tilqaghha.

---

[15] A fol 24 a sa fol 26 tal-process
[16] A fol 35 tal-process

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, u wara illi rat illi t-taxxa ghandha tigi korretta mir-Registratur, Qrati u Tribunali ta Ghawdex, illi baqghet kontumaci f'din il-kawza, il-Qorti filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet imqajjma mill-intimati l-ohra kollha, qeghda tilqa t-talba tar-rikorrenti, u tannulla, tirrevoka u thassar kompletament it-tassazzjoni tad-drittijiet esebit in atti a fol 7 et seq tal-process u tordna lill-intimata Registratur tal-Qrati u Tribunali ta Ghawdex sabiex tintaxxa id-drittijiet skond l-Artikolu 16 tat-Tariffa E ta Skeda A tal-Kap 12 Ligijiet ta Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata Registratur Qrati u Tribunali ta' Ghawdex.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur